# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 3 ta' Gunju 2021.**

**Rikors Nru. 721/2020 GM**

**Brankov Vlasev Daniel (K.I. 0040276A)**

**vs**

**Balzan Anthony (K.I. 764255M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat Daniel Brankov Vlasev li permezz tiegħu wara li ppremetta illi :

> Ftit żmien ilu akkwista vettura tat-tip Toyota Vitz bin-numru tar-reġistrazzjoni 'CBT-419', mingħand il-konvenut, bil-prezz ta' ħamest elef ewro (€5,000) u bil-ftehim illi l-istess attur jagħtih il-karozza tiegħu tat-tip Subaru J10, bin-numru tar-reġistrazzjoni 'IAJ-626' .
>
> Għalkemm il-konvenut kien obbliga ruħu li jirreġistra t-trasferiment tal-vettura de quo mal-Awtorita` għat-Trasport fMalta, u cioe` dik bin-numru

tar-reġistrazzjoni 'IAJ-626' minn fuq isem l-attur għal fuq ismu, huwa baqa' inadempjenti.

Talab lil din il-Qorti sabiex:

i. Il-konvenut aċċetta u ħa r-responsabbilta` tal-vettura Subaru JI0, bin-numru tar-reġistrazzjoni 'IAJ-626', meta l-esponenti tahielu bħala parti mill-ftehim meta hu akkwista l-vettura Toyota Vitz bin-numru tar-reġistrazzjoni 'CBT-419'

ii. Il-konvenut naqas milli jadempixxi l-obbligazzjoni assunta minnu li jirreġistra t-trasferiment tal-karozza Subaru J10 f' ismu, mal-Awtorita` għat-Trasport f' Malta;

iii. Tordna lill-konvenut sabiex fi żmien qasir u perentorju ffissat minn din l-Onor. Qorti, huwa jersaq sabiex jaddivjeni għat-trasferiment tal-vettura Subaru J10 numru 'IAJ-626' f' ismu;

iv. Taħtar kuratur sabiex kemm-il darba l-konvenut jonqos milli jaddivjeni għat-trasferiment tal-vettura msemmija fit-terminu prefiss mill-Qorti, il-kuratur ikun ordnat sabiex jagħmel it-trasferiment tal-vettura msemmija f' isem l-konvenut.

Bl-ispejjeż kollha a kariku tal-konvenut.

Rat illi minkejja li ġie notifikati bir-Rikors Maħluf bil-mezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni, il-konvenut baqa' ma ppreżenta l-ebda Risposta Maħlufa u għalhekk huwa kontumaċi.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat li l-Qorti tat terminu ta' għaxart ijiem biex il-konvenut jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet iżda baqa' inadempjenti.

Ikkunsidrat:

L-attur ipprova skont il-liġi l-pretenzjonijiet tiegħu.

***Decide:***

Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-konvenut aċċetta u ħa r-responsabbilta` tal-vettura Subaru JI0, bin-numru tar-reġistrazzjoni 'IAJ-626', meta l-esponenti tahielu bħala parti mill-ftehim meta hu akkwista l-vettura Toyota Vitz bin-numru tar-reġistrazzjoni 'CBT-419'.

2. Tilqa' t-tieni talba billi tiddikjara li l-konvenut naqas milli jadempixxi l-obbligazzjoni assunta minnu li jirreġistra t-trasferiment tal-karozza Subaru J10 f'ismu, mal-Awtorita` għat-Trasport f'Malta.

3. Tilqa' t-tielet talba billi tordna lill-konvenut sabiex fi żmien xahar mid-data ta' din is-sentenza jersaq sabiex jaddivjeni għat-trasferiment tal-vettura Subaru J10 numru 'IAJ-626' f' ismu.

4. Tilqa' r-raba' talba billi taħtar kuratur lill-avukat Dottor Martha Mifsud sabiex kemm-il darba l-konvenut jonqos milli jaddivjeni għat-trasferiment tal-vettura msemmija fit-terminu prefiss mill-Qorti, il-kuratur tkun ordnata sabiex tagħmel it-trasferiment tal-vettura msemmija f'isem l-konvenut.

Bl-ispejjeż a kariku tal-konvenut.

Moqrija.

GRAZIO MERCIECA

IMĦALLEF